# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur   GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111    Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt        Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 08

Data tal-laqgħa:  11 ta' Diċembru, 2024

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar l-Erbgħa, 11 ta' Diċembru 2024  fis-6.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helen Gauci |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Mariah Meli<br>Christopher Fenech<br>Marilena Hassan **(SKUŻATA)** |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Jeanette Galea |

Il-laqgħa bdiet fis-6:30p.m. billi ntqalet it-talba.

**08/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**08/01/01** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan il-Kunsill kien irċieva ittra t'apoloġija mingħand il-Kunsilliera, Marilena Hassan, fejn tablet li tiġi skużat minħabba li kienet tinsab ma tiflaħx.

**08/01/02** Il-Kunsilliera approvaw din it-talba b'mod unanimu.

**08/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Ħames Laqgħa**

**08/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Fuq proposta tas-Sa Helen Gauci, sekondata mas-Sa Mariah Meli, kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**08/02/02** **Para 06/02/02:** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet kif r-resident li joqgħod fi Triq Ferdinand kellu jġib il-permess mis-sid ta' faċċata biex teħel il-mera u kif dan s'issa ma kien ġab xejn.

**08/02/03** **Para 06/02/03:** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet kif il-Kunsill għadu qed jara minn fejn jistà jsib fondi sabiex ikun jistà jsir l-*Impact Assessment* madwar il-Għargħur.

**08/02/04** **Para 06/02/04:** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-manutenzjoni ta' *telephone box* inġabru l-istimi neċessarji u kif qed tiġi ppreparata l-applikazzjoni sabiex jinkisbu fondi mingħand Gal Majjistral.

**08/02/05** **Para 06/02/05:** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet kif fuq il-ħajt tas-sejjieħ ta' Triq Dun Gio Batta Chetcuti, il-Kunsill applika mal-Public Works u qed jistenna minn naħa tagħhom sabiex jiġu u jgħamlu x-xogħol.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**08/02/06** **Para 06/02/06:** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet kif il-Kunsill kienet waslitlu kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur tad-dawli kienet ta' €259.60 pero ser tkun qed tikkonferma jekk din kinitx il-kwotazzjoni finali. Is-Sa Meli staqsiet jekk il-kwotazzjoni li kienet intalbet mill-Kunsill kienitx tinvolvi wkoll l-arbli tal-bozzozz ukoll. Is-Sindku wieġbet kif dawn l-arbli kienu diġa fuq il-post ta' fejn ser jiġu mwaħla dawn il-bozzoz.

**08/02/07** **Para 06/02/07:** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat kif il-laqgħa li kellha tiġi msejħa minn Transport Malta bejn il-Kunsill Lokali tal-Għargħur u l-Kunsill Lokali tan-Naxxar minħabba l-prosposta sabiex isiru tabelli tan-'No Entry' bejn is-6:30 u 9 ta' filgħodu, kienet għadha pendenti.

**08/02/08** **Para 06/02/10:** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat kif it-talba għal *sleeping policeman* fi Triq l-Indipendenza kienet għadha pendenti u ser tkun qed tibgħat tistaqsi fliema stajdu waslet.

**08/02/09** **Para 06/02/14:** id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat kif il-laqgħa tas-Sottokumitat tal-Kultura u Attivitajiet ser tkun qed tinżamm f'Jannar 2025.

**08/02/10** **Para 06/02/15:** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet kif s'issa ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni

**08/02/11** **Para 06/02/17:** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat kif ir-riżultat għall-applikazzjoni li kienet ġiet sottomessa sabiex isir *town twinning* kien għadu ma nħarigx.

**08/02/12** **Para 06/02/19:** B'referenza dwar il-website, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser tkun qed tara eżatt x'kien hemm pero biex il-Kunsill jgħati ċans għal wara l-festi peress li s-Sur Muscat jinsab fuq *vacation leave.*

**08/02/13** **Para 06/02/21:** id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat kif il-bankina li tinsab fi Triq Antonio Zammit kien għadu pendenti sabiex isir mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi.

**08/02/14** **Para 06/02/22:** id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet kif ma kien hemm l-ebda risposta mingand Transport Malta fuq l-applikazzjoni sabiex issir żebra crossing fi Triq Dun Salvatore Zarb u oħra mid-dar tal-kavallieri sal-faċċata.

**08/02/15** **Para 06/02/23:** id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat kif ma kienx hemm risposta mingħand Transport Malta sabiex issir MC Bay fi Triq Dun Salvatore Żarb.

**08/02/16** **Para 06/02.21:** id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat kif hi kienet wieġbet emejl mid-Diviżjoni għal Gvern Lokali dwar għalfejn il-Kunsill kien qed iressaq talba sabiex l-impjieg tas-Sur Alfred Cuschieri jiġi estiż b'sena oħra u kif ma kienx hemm risposta wara dan.

**08/02/17** **Para 06/02/26**: id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurma kif is-sejħa ta' offerti dwar Triq Għaxqet l-Għajn kienet ingħalqet u peress li ma kien hemm l-ebda offerta imressqa, din is-sejħa kellha terġa tinħareġ mill-ġdid fuq is-sistema ta' l-EPPS. Żiedet tgħid ukoll kif din is-sejħa ser tingħalaq f'Jannar li ġej u kif din id-darba diġa kien hemm offerti mressqa. Ġaladarba din is-sejħa tkun magħluqa hi ser tkun qed issejjaħ lill-evalwaturi sabiex jinżamm l-evalwazzjoni neċessarja ta' l-offerti mressqa. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll kif meta kienu qed jevalwaw is-sejħa ta' l-accountant, ingħataw parir sabiex il-Perit ma jkunx wieħed mill-evalwaturi imma sabiex iressaq rapport bir-rakomandazzjoni tiegħu. Is-Sindku qalet li importanti li l-Perit jgħati l-parir tiegħu.

**08/02/18** **Para 06/02/28:** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat kif il-każ tal-qorti dwar il-konfini fuq il-passaġ bejn in-Naxxar u l-Għargħur kienet inqatat kontra u għal din ir-raġuni l-Kunsill kellu jħallas pagament ta' €120.

**08/02/19** **Para 06/02/20:** Id-DSE infurmat kif rigward it-tabelli ta' informazzjoni, il-Kunsill għadu qed jistenna l-istimi sabiex ikun jista japplika għal fondi mingħand GAL Majjistral.

**08/02/20** **Para 06/02/30:** Id-DSE infurmat kif dwar din l-istima mingħand il-Perit dwar *spatial planning* kif ukoll dwar affarijiet oħra relatati mal-Perit kienu għadhom pendenti. Madanakollu id-DSE bagħtet email sabiex titlob tweġiba ma dak kollu li kien hemm pendenti.

**08/02/21** **Para 06/02/31:** Id-DSE infurmat kif ir-*refreshing* ta' parkeġġi fi Vjal ir-Repubblika kienu għadhom ma sarux.

**08/02/22** **Para 06/02/31:** Id-DSE infurmat kif ir-refreshing tal-junction box kienet għadha ma saritx. Is-Sur Christopher Fenech qal kif il-Kunsill irid japplika mill-ġdid peress li l-kuntratturi ma jafux min ħassarha pero hu offra li jibgħat ir-ritatti ta' kif kienet qabel ma saret ix-xogħol sabiex din terġa ssir. Is-sinjali kienu tħassru biss minn naħa tal-ħruġ biss u mhux għal dawk li jkunu deħlin ġol-Għargħur.

**08/02/23** **Para 06/02/35:** Id-DSE spjegat dan il-Kunsill kien irċieca emejl fejn qalet li peress li għadu se jibda il-programm taċ-Ċentru għall-Anzjanita' Attiva, ikun aħjar jekk kollox ikun fl-istess sala biex in-nies ikunu imħeġġa jiġu għall-attivita' fiżika biex jibqgħu għall-attivitajiet kollha. Ladarba il-parteċipanti jkunu draw u jkun qabad il-programm, il-Kunsill ikun jistà jesplora din il-possibilita'. Peress li hemm żewġ sessjonijiet fil-ġimgħa, din tapplika għal dik is-sessjoni li se ssir meta jkollkom il-programm taċ-Ċentru għall-Anzjanita' Attiva, is-sessjoni l-oħra m'għandhiex tkun problema li ssir fl-iskola jekk il-parteċipanti jiġu infurmati.

**08/02/24** **Para 06/02/36**: Id-DSE infurmat kif il-Kunsill kien għadu ma rċiviex risposta mingħand il-Water Services Corporation biex jikkonferma ta' min kienet ir-responsabilità mill-fossa ta' Sqaq il-Ħofra.

**08/02/25** **Para 06/02/37:** Id-DSE infurmat kif il-karozza abbandunata li kienet tinsab Fi Triq Santa Katarina kienet għadha hemm u għal din ir-raġuni ser jerġa jsir rapport lil Transport Malta.

**08/02/25** **Para 06/02/38:** B'referenza għat-tabelli, is-Sindku ikkonfermat kif it-tabelli ordnati kient twaħlu u kif kien jonqos biss tal-qniefed.

**08/02/26** **Para 06/02/39:** Id-DSE infurmat dwar il-laqgħa li kellha tinżamm fid-19 ta' Novembru 2024. Is-Sindku qalet kif il-laqgħa mal-Kap ta' l-iskola kienet inżemmet onlajn u kienu nfurmawha li l-Kunsill xtaq li jkun hemm attivitajiet li jsiru flimkien. Tkelmet ukoll sabiex isir Christmas carols fid-dar ta lanzjani fid-19 ta' Diċembru pero s-Sindku infurmata mill-ewwel li fl-istess ġurnata u ħin kien hemm skedat il-party ta' l-anzjani imma sfortunament id-data ma setatx titressaq minħabba li d-data kienet magħżula mid-djar ta' l-anzjani. Is-Sa Meli żiedet tgħid ukoll kif inżammet laqgħa oħra mal-kap ta' l-iskola rogward proġett tal-mobilità bil-possibiltà li jkun hemm xi toroq mgħaluqin f'ċertu ħin sabiex it-toroq ikunu sikuri. Il-kap ta' l-iskola laqgħet din l-idea pero ser tiġi diskussa aħjar wara li jkun jgħaddu l-festi.

**08/02/27** **Para 06/02/42:** id-DSE qalet kif it-talba li jsiru *vehicle counts* kienet għadha pendenti peress li mhemmx fondi biex dan l-istudju jsir.

**08/02/28** **Para 06/02/44:** B'referenza għall-permess mingħand Transport Malta sabiex il-Pjazza tinżamm magħluqa darba fix-xahar, id-DSE infurmat kif kienet tressqet talba bil-miktub lil Transport Malta u s-Sur Tommy Debono tagħna mill-ewwel id-dokumenti li jridu jiġu sottomessi sabiex din it-talba tiġi ikkonsidrata.

**08/02/29** **Para 06/02/45:** id-DSE spjegat kif dan il-culvert kien fil-lista ma' l-affarijiet li jrid jara l-Perit.

**08/02/30** **Para 06/02/46:** B'referenza għax-xogħol li jrid isir fi Sqaq Charlotte, id-DSE infurmat kif il-Kunsill kien talab lil Perit għal BOQ ġdida b'materjal differenti minn dak li kien mitlub fil-bidu, u ġiet sottomessa applikazzjoni ġdida mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi.

**08/02/31** **Para 06/02/47:** id-DSE infurmat kif il-laqgħa ma' Public Transport kienet inżammet nhar il-Ġimgħa 15 ta' Novembru 2024. Is-Sa Meli spjegat li l-Kunsill qed jistenna risposta lura mingħand is-Sa Nathalie, minn Transport Malta, dwar l-ideat li kienu ġew imressqa.

**08/02/32** **Para 06/02/48:** id-DSE infurmat kif il-Kunsill kien għadu qed jistenna risposta dwar il-gradilja fi Triq il-Ġnien.

**08/02/33** **Para 06/02/50:** id-DSE infurmat kif il-preparamenti dwar il-ħarġa għal Sqallija għadhom qed isiru u jitkomplew wara l-festi.

**08/02/34** **Para 06/02/52:** id-DSE infurmat kif is-Sindku kienet diġa infurmat li dawn kienu saru.

**08/02/35** **Para 06/02/53**: is-Sindku ikkonfermat kif it-tabella ta' 'No Heavy Vehicles' fi triq il-Kbira kienet saret ukoll.

**08/02/36** **Para 06/02/54:** id-DSE infurmat kif il-Kunsill kien irċieva stima għal *doggy bins* pero din għalissa ser tinżamm ftit pendenti.

**08/02/37** **Para 06/02/57:** B'referenza għall-applikazzjoni li l-Kunsill kien issottometta sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni fil-binja tal-Kunsill, id-DSE infurmat li l-Kunsill kien ġie mitlub jikkjarifika ix-xogħol li hu nvolut u għadu qed jistenna risposta dwar din l-applikazzjoni. Is-Sindku żiedettgħid kif il-materjal irid jinxtara kollu mill-Kunsill u kif huma ser ikunu qed jipprovdu in-nies biss. Kien hemm qbil li l-Kunsill jistenna r-risposta mingħand l-SPI u jieħu deċiżjoni minn hemm.

**08/02/38** **Para 06/02/59:** B'referenza għal talba sabiex isiru linji sofor quddiem entratura li tagħti għal diversi garaxxijiet, kien hemm qbil sabiex tintbagħat ittra lis-sidien tal-garaxijiet biex jgħatu l-approvazzjoni tagħhom biex dawn il-linji sofor ikunu jistgħu jsiru.

**08/02/39** **Para 06/02/60 u Para 06/02/61:** id-DSE infurmat li dawn iż-żewġ affarijiet għadhom pendenti peress li jrid jiġi l-Perit tal-Kunsill fuq il-post.

**08/02/40** **Para 06/02/63:** Id-DSE qalet li għalkemm ir-*risk assessment* tal-Kunsill Lokali kienet saret, il-Kunsill kien għadu qed jistenna r-rapport.

**08/02/41** **Para 06/02/64**: Rigward il-Christmas Market li kien inżamm, is-Sa Francesca Attard infurmat kif mill-ferrovija kienet inġabret is-somma ta' €624 u mill-istall tal-Kunsill inġabru €121. Dawn id-donazzjonijiet kienu qed jinġabru b'risq il-Malta Community Chest Fund. Is-Sa Meli ssuġġeriet sabiex kif jgħaddi l-Presephu Ħaj, il-Kunsill jinforma lir-residenti fuq il-paġna tal-Facebook tal-Kunsill bis-somma li nġabret. Is-Sa Meli infurmat li jekk il-ġabra finali tkun ta' 'l fuq minn €2,000, dawn ikunu jistgħu jiġu ppreżentati waqt l-Istrina (l-għada tal-Milied). L-Arranġamenti neċessarji ser ikunu qed isiru mis-Sa Meli.

**08/02/42** **Para 06/02/65:** Id-DSE infurmat kif 'Hike Day' kienet inżammet. Is-Sa Meli żiedet tgħid li hemm pjan li dan jerġa jsir is-sena d-dieħla.

**08/02/43** **Para 06/02/69:** id-DSE infurmat kif il-laqgħa li kellha tinżamm mas-CEO tal-Primary Health Care ma nżammitx u ser tintalab data oħra.

**08/02/44** **Para 06/02/70:** Id-DSE infurmat kif nhar it-Tnejn 2 ta' Diċembru 2024 kienet inżammet laqgħa mas-Sa Jeanette, minn Transport Malta, fejn għaliha kien hemm preżenti s-Sindku, Helen Gauci, Mariah Meli, il-Kap ta' l-iskola u d-DSE. F'din il-laqgħa ġew diskussa ż-żewġ proġetti ta' mobilità, waħda mat-tfal ta' l-iskola u l-oħra ma' l-anzjani. Ix-xogħol relatat ma' dan ser jitkompla s-sena d-dieħla.

**08/02/45** **Para 06/02/71:** is-Sa Meli qalet kemm hu importanti li l-Kunsill jiġri wara s-Sur Mark Micallef qabel ma tingħalaq il-garanzija. Is-Sindku spjegat kif kien sar rapport mal-Pulizija dwar dan.

**08/02/46** **Para 06/02/73**: id-DSE infurmat kif hi ser tkun qed terġa tfakkar lil Transport Malta għal din it-talba sabiex tiġi mressqa it-tabella tas-sinjal tar-*road hump*.

**08/02/47** **Para 06/02/76:** B'referenza għall-magna tal-BCRS is-Sindku qalet kif rappreżentanti kienu ġew fuq il-posa biex jifhmu eżatt fejn kien qed jiġi ssuġġerit li din titpoġġa. Hi qalet kif huma qablu fuq is-sit u kif hi ser tkellimhom biex tara kif kienu baqgħu.

**08/02/48** **Para 06/02/78:** id-DSE infurmat li s-Sindku għadha trid tmur fuq il-post u titkellem mar-residenta li ressqet it-talba biex issir bozza peress li l-inħawi hija ODZ.

**08/02/49** **Para 06/02/79**: id-DSE infurmat li ż-żjara fuq il-post fi Triq Mons. L Catania kienet għadha trid tinżamm u jingħata aġġornament fil-laqgħa li jmiss.

**08/02/50** **Para 06/02/81:** id-DSE qalet kif għadha trid tiċċekja jekk il-monument kienx tranġa biex ikun iktar sod.

**08/02/51** **Para 06/02/83:** id-DSE infurmat kif din it-tabella ukoll kienet saret flimkien mat-tabelli msemmija preċedenti.

**08/02/52** **Para 06/02/84:** B'referenza għall-kompetizzjoni ta' l-aktar faċċata mżejna, is-Sa Meli talbet lill-uffiċċju sabiex jiħu ħsieb jgħaddi l-applikazzjonijiet sabiex hi tkun tistà tgħaddihom lil Esplora Malta u jiġi mgħażul ir-rebbieħ ta' din il-kompetizzjoni. Is-Sindku qalet kif s'issa kien hemm tliet applikazzjonijiet.

**08/02/53** Is-Sur Christopher xtaq iressaq domanda fuq 06/06/26, fejn hu talab jekk kienx hemm aġġornament fuq it-talba sabiex isir *communal parking bay*. Is-Sindku qalet kif din kienet għadha trid tiġi sottomessa l-applikazzjoni.

**08/02/54** Is-Sa Francesca staqsiet dwar jekk kienx hemm aġġornament fuq punt 06/05/05, dwar l-adendum tal-kuntratt tat-torri. Id-DSE infurmat li għad ma daħlitx tara x'hemm eżatt.

**08/02/55** Is-Sa Meli spjegat li hi kieent tkelmet ma SEM dwar fondi sabiex isir l-*impact assessment* pero infurmata li ma kienx hemm fondi għal dan il-għan. Pero ma SEM tkelmet ukoll dwar Triq Luigi Catania ssir *one way* għal sagħtejn kuljum. Hi staqsiet jekk il-Kunsill jistax jieħu vot jekk din it-Triq għandhiex tibqà *one way*. Is-Sindku qablet li din għandha dejjem tibqa *one way* 'il fuq. Is-Sur Chris qal li jekk tiġi milquha t-talba tad-dħul tiġi milqugħa din jaf tiġi solvuta b'mod indirett. Għal din ir-raġuni, l-Kunsill ser jistenna d-direzzjoni ta' Transport Malta.

**08/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**08/03/01** Is-Sindku infurmat kif ġewwa Sqaq Fidel Zarb ir-resident qal kif oriġinarjament kien hemm żewġ *bollards* u dawn kienu tneħħew waqt li kienu qed isiru xi xogħolijiet. Hu spjega kif l-għatba tad-dar kienet qed tiġi milquta kull darba li tgħaddi vettura minn quddiem id-dar. Is-Sur Christopher Fenech irrimarka li għalkemm hu ma kellu l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba, aktarx dawn il-*bollards* qatt ma saru mill-Kunsill Lokali peress li fil-Kunsilli preċedenti dejjem qagħad lura milli jitpoġġew *bollards*. Kien hemm qbil mill-Kunsilliera preżenti li jintalab permess mingħand Transport Malta.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**08/03/02** B'referenza għal ħdejn il-*bus stop* li tinsab fi Triq Caravaggio, is-Sindku spjegat kif qabel kien hemm bozza tad-dawl mal-faċċata tad-dar. Meta saret il-blokka, din il-bozza ma saritx minħabba li r-residenti ma xtaqux li l-bozza tiġi mal-faċċata. Is-Sa Gauci qalet kif ir-residenti ta' dawn l-inħawi qed igergru li qed ikun hemm ħafna dlam kemm ilhom bla bozza. Għal din ir-raġuni hi talbet sabiex il-Kunsill japplika għal permess sabiex din il-bozza ssir fuq arblu. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**08/03/03** Is-Sur Christopher Fenech żied jgħid kif il-Kunsill għandu jieħu passi kull meta jkun hemm dar li tkun ħa titwaqqa jew titranġa l-faċċata, sabiex ikun hemm garanzija fuq ix-xogħol li jkun ser jgħamel u sabiex ikun hemm konferma li dak li nqala (bħal din il-bozza) għandha terġa ssir u jinżammu responsabli. Kien hemm qbil dwar dan mill-Kunsilliera preżenti.

**08/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**08/04/01** Is-Sa Attard qalet kif il-ħaxix fi Triq Santa Katarina għadu ma nżabarx u biex il-Kunsill jibgħat lill-kuntrattur jieħu ħsieb din iż-żona.

**08/04/02** Is-Sa Meli żiedet ukoll iż-żbir ta' siġra li tinsab ħierġa minn propjeta privata fi Triq Caravaggio.

**08/04/03** Is-Sindku spjegat li l-Kunsill ma jistax jibqà jgħamel iż-żbir ta' siġar privati u kif għandha terġa tintbagħat ittra uffiċċjali lis-sidien tad-dar.

**08/04/04** Is-Sa Attard infurmat kif kienet ġiet avviċinata minn resident fi Triq San Nikola peress li qed tkun diffiċli anke jekk ikun hemm bżonn tgħaddi ambulanza u issurġġerit li jsiru linji sofor mal-ħajt tal-maħżen.

**08/04/05** Is-Sindku spjegat kif jekk isir dak li qed jiġi ssuġġerit, it-Triq ser tkun tilfet madwar sebgħa *parking bays.* is-Sa Gauci żiedet tgħid ukoll kif hi kienet ilha madwar tliet snin titlob lil dawn ir-residenti biex japplikaw għal *disabled parking bay* personalizzat pero r-residenti qatt ma xtaqu li jsir hekk. Kien hemm qbil sabiex tintalab direzzjoni mingħand Transport Malta sabiex jiġu fuq il-post u jaraw xi jkun l-aħjar li jsir.

**08/04/06** Is-Sa Attard għamlet referenza għal party ta' lanzjani li ser jinżamm il-Ħamis 19 ta' Diċembru 2024 għal prezz ta' €8 kull persuna fejn ser ikollhom *finger food, xorb,* attivitajiet kif ukoll ftit entertainment minn J Anvil ġewwa s-Sala tal-Kappillan.

**08/04/07** Is-Sa Meli infurmat kif ma kienx hemm rispons sabiex ir-residenti jittieħdu il-Malta Crafts Village nhar il-Ġimgħa 13 ta' Diċembru 2024.

**08/04/08** Is-Sa Meli infurmat kif sa dakinhar ma kienx hemm interess għall-i*sports day* li għandha tinżamm nhar il-Ġimgħa 27 ta' Diċembru 2024. Kien hemm qbil li għalissa l-*booking* jibqa ftit aktar ġranet miftuħ u jkun hemm deċiżjoni viċin tad-data.

**08/04/09** Is-Sa Meli reġgħet semmiet is-siġra li tinsab fi Triq Caraveggio fejn hi kienet qed taqbel li din m'għandiex tibqa tinżabar mill-Kunsill pero jrid jinstab soluzzjoni oħra.

**08/04/10** Is-Sindku qablet perfettament mas-Sa Meli u spjegat kif aktar kmieni filgħodu hi kienet ikkomunikat ma' l-ispettur sabiex isib ftit ħin u ssir laqgħa miegħu dwar din il-problema u dwar postijiet oħra li hemm l-istess problema bis-siġar jostakolaw il-bankini. Hi spjegat li dawn għandhom jiġu infurzati mill-Pulizija biex dawn jiġu miżbura mill-aktar fis possibli.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**08/04/11** Is-Sa Meli infurmat li l-*clean up* li jmiss f'Jannar li ġej ser ikun hemm aktar dettalji wara li jgħaddu l-festi.

**08/04/12** Is-Sa Meli talbet biex tiġi diskussa s-sistema tat-trasport ta' van li jiġu offrut lill-anzjani fil-lokalità. Hi spjegat kif ix-xufier qed jitħallas €450 fix-xahar u l-kirja tal-vann ta' €507 fix-xahar. Is-Sa Meli spjegat kif dan l-istess servizz qed jiġi offrut mill-Gvern mit-Tnejn sal-Ġimgħa u kif dan huma flus moħlija meta għandek il-Gvern Ċentrali qed jgħati l-istess servizz b'xejn mis-Silver Team. Hi żiedet tgħid kif hi qed tqajjem dan il-punt peress li l-kuntratt tal-van ser jiskadi fi Frar li ġej u jekk max-xufier il-Kunsill mhux marbut, il-Kunsill għandu jesplora għażliet oħra. Hi żiedet tgħid ukoll kif hawn Kunsilli Lokali oħra li għandhom sistema fejn il-van jitħallas biss skond meta jkun meħtieġ u sabies il-Kunsill jesplora dawn l-alternattivi.

**08/04/13** Is-Sindku qalet kif hi ma ssib l-ebda oġġezzjoni li jiġu esplorati alternattivi oħra basta dan is-servizz jibqa jingħata lill-anzjani.

**08/04/14** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid kif hi kienet staqsiet lill-LESA jekk l-iskema kinitx ser terġa tinħareġ fis-sena 2025 u kif is-Sur Flores kien ikkonfermala li din l-iskema kienet ser tinħareġ.

**08/04/15** Is-Sindku qalet li ser jistaqsu għal aktar informazzjoni għal għaxar siegħat fil-ġimgħa, darbtejn fil-ġimgħa.

**08/04/16** Is-Sa Meli ressqet l-aħħar punt rigward il-Financial Quarterly Reports tas-sena 2024 u l-Budget 2025.

**08/04/17** Is-Sindku spjegat li dawn ir-rapporti ma sarux minħabba t-telfa ta' l-accountant.

**08/04/18** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat ukoll kif hemm sejħa ta' offerti għal servizz ta' accountant u dan ser ikun qed jiġi diskuss aħjar aktar 'l quddiem fil-laqgħa.

## 08/05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet

**08/05/01** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan il-Kunsill kien irċieva żewġ ilmenti. L-ewwel waħda kienet mingħand il-kunsilliera, is-Sa Mariah Meli, dwar il-proċeduri ta' kif qed jinħarġu l-permessi fil-lokal. Jidher li dan l-ilment kien ġie indirizzat u s-Sa Meli ma kelliex xi żżid aktar dwar dan.

**08/05/02** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat kif dan il-Kunsill kien irċieva email mingħand resident sabiex jiġbed l-attenzjoni li fil-kantuniera ta' Triq ir-Repubblika kantuniera ma Triq Excelsior qed ikun hemm *piling* tal-boroż taż-żibel u biex il-Kunsill Lokali jikkonsidra jgħamel tabella peress li n-nies ma jkunux jistgħu jużaw il-bankina.

**08/05/03** Is-Sindku infurmat li ser tkun qed tkellem lir-resident dwar dan u jingħata sticker.

**08/05/04** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni dwar komunikazzjoni li dan il-Kunsill Lokali kien irċieva mingħand il-Minister tas-Saħħa u Anzjanità Attiva dwar ir-Resilience Programme li hu twil 7 ġimgħat u dawn is-sessjonijiet jistgħu jsiru onlajn kemm filgħodu u filgħaxia u huma għal l-adulti minn 18-il sena 'l fuq.

**08/05/05** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għal Ċirkulari AKL 2024/83 – Polza ta' l-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2025 – fejn fakkret lill-Kunsilliera jimlew il-formola mitluba u javżaw l-uffiċċju amministrattiv jekk ikun hemm xi ħadd li ser iżid persuni oħra.

**08/05/06** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda lista ta' permessi maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar, liema lista kienet mgħoddija lill-Kunsilliera qabel din il-laqgħa. Ma kien hemm l-ebda punti mressqa dwar dan mill-Kunsilliera preżenti.

**08/06** **GLC/02/2024 – Sejħa għal Servizz ta' Accountant għal Kunsill Lokali tal-Għargħur**

**08/06/01** B'referenza għal din is-sejħa d-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat kif is-sejħa kienet għalqet nhar it-Tlieta 19 ta' Novembru 2024 u għal din ir-raġuni l-bord ta' l-evalwaturi ltaqgħu nhar it-Tnejn 9 ta' Diċembru 2024 sabiex is-sitt offerti jiġu evalwati. L-orħos offerta u li kien eleġibbli kienet dik mingħand Borg Galea Audit Ltd. Hi żiedet tgħid kif waqt li kien qed isir l-evalwazzjoni fuq waħda mill-offerti, kien hemm qbil li tiġi mressqa talba għal kjarifika lill-wieħed mill-*bidders* li kellu dokumenti neqsin sabiex jiġu ikkonfermat li ma dan ma kienx ġie sottomess. Id-DSE żiedet tgħid li din il-kjarifika trid tasal sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn 16 ta' Diċembru 2024 u jkun jistà jingħalaq il-proċess.

**08/06/02** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat kif il-kuntratt li l-Kunsill kellu fil-preżent kien ma kuntratt skadut fuq offerta li kienet intrebħet fl-2012. Hi spjegat ukoll li l-kumpanija hija infurmata li l-Kunsill kien ħareġ din is-sejħa peress li l-kuntrattur li hemm fil-preżent kien informa lill-Kunsill li dan ix-xogħol ma setax jibqa jsir minn din il-kumpanija.

**08/06/03** Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu.

**08/07** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**08/07/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda.

**08/07/02** Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**08/08** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**08/08/01** Il-laqgħa spiċċat fit-7:38p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ġimgħa 10 ta' Jannar 2025 fil-5:30p.m.

**Helen Gauci**
**Sindku**

**Jeanette Galea**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**